MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 333/2004

Kawza fil-lista: 4

**A B**
**Vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni prezentat mill-attrici fit-30 ta' Settembru 2004;

Rat id-digriet moghti fit-28 ta' Gunju 2005 li permezz tieghu l-kawza giet appuntata ghas-17 ta' Jannar 2006 [fol.9];

Rat li l-konvenut gie notifikat bl-att tac-citazzjoni u bl-avviz fis-<u>26 ta' Settembru 2005</u> [fol.41 tergo];

Rat ir-rikors prezentat mill-konvenut fil-15 ta' Frar 2006 sabiex jiggustifika l-kontumacja tieghu;  kif ukoll id-digriet ta din il-Qorti tas-16 ta' Frar;

Rat l-affidavit prezentat mill-konvenut fil-31 ta' Mejju 2006, in ottemperanza tad-digriet tas-16 ta' Frar 2006;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet lill-konvenut bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi din hija decizjoni dwar talba maghmula mill-konvenut permezz ta' rikors prezentat fil-15 ta' Frar 2006 sabiex jigi awtorizzat jipprezenta nota ta' l-eccezzjonijiet wara li jiggustifika l-kontumacja tieghu.

Illi in sostanza l-konvenut qed jghid li huwa kien ghaddej minn perijodu hazin stante l-mewt tal-genituri tieghu fl-10 ta' Novembru 2004 u l-5 ta' Settembru 2005 u jghid li wara l-mewt ta' missieru "zgur li ma kellix mohh naqra karti fl-istat li kont" [fol.90].

In tema legali jigi rilevat li fil-kawza *Rev. Mikiel Degiovanni vs Doris Cossai [2000][Vol.LXXXIV.II.893]* l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell insenjat li  l-istitut tal-kontumacja huwa bazat fuq il-presuppost illi l-konvenut, bin-nuqqas tieghu were kontumelja u dispett ghas-sejha tal-Qorti, meta huwa gie konvenut….. u hija din id-disubbidjenza animata psikolokament b' dawk il-fatturi ta' kontumelja u dispett, li l-ligi trid tirreprimi u tippunixxi, in kwantu kontumacja bhal dik hi element ta' disordni socjali.

Ghalhekk meta Qorti tigi kkonfrontata b' kontumacja formali, u ma jkollhiex il-konvinzjoni certa u soda ta' dan l-aspett negattiv tan-nuqqas tal-konvenut, allura jkun jehtieg ezami ulterjuri tal-fatturi l-ohra necessarji biex dik il-konvinzjoni tigi ffurmata.  U hekk titlob ir-raguni guridika ta' sitwazzjoni fejn il-konenut ser jigi kkundannat fl-assenza ta' difiza.

Fil-kaz in disamina rrizulta ex admissis mill-konvenut li dana kien ilu jaf bil-kawza pendenti kontra tieghu “bejn wiehed u iehor f’ nofs Frar 2006”

Mill-atti jirrizulta:

[1] Illi huwa kien gie debitament notifikat fic-citazzjoni u bl-avviz fis-26 ta’ Settembru 2005 – u mir-riferta jirrizulta li dawn l-atti gudizzjarji kienu gew konsenjati lilu personalment;

[2] Illi fid-deposizzjoni tieghu tat-8 ta’ Novembru 2006 fuq domandi tal-Qorti, il-konvenut ikkonferma li huwa jaf jaqra bil-Malti;

[3] Illi cio’ nonostante huwa naqas li jattendi kemm ghall-ewwel udjenza tas-17 ta’ Jannar 2006; kif ukoll ghall-udjenzi kollha susssegwenti [fols.44,51,88 u 217] ghajr dik tat-8 ta’ Novembru 2006 li fiha l-perit legali halfet ir-rapport taghha;

[4] Illi ghalkemm zgur kien jaf li kienet giet nominata perit legali, huwa naqas li jiehu nteress, tant li ma attenda ghall-ebda wahda mis-seduti peritali;

[5] Illi ghalkemm din il-Qorti, fuq ir-rikors tieghu tal-15 ta’ Frar 2006 kienet, tat-digriet l-ghada fejn ordnatlu li jipprezenta affidavit in sostenn tat-talba tieghu, il-konvenut prezenta l-affidavit fil-31 ta’ Mejju 2006 – u cioe’ tlett xhur u nofs wara;

Illi mill-kwadru premess jirrizulta car li dan mhux kaz fejn il-konvenut kien tardiv bi ftit granet, izda kien tardiv b’ cira erba xhur u nofs; u prezenta r-rikors odjern fil-15 ta’ Frar 2006, u l-affidavit relattiv fil-31 ta’ Mejju 2006. Illi inoltre l-konvenut, anke wara Frar 2006 meta skond hu sar jaf bil-kawza, huwa ma wera ebda interess fl-andament taghha u halla l-perit legali tirrelata u kien proprju fis-seduta li hija halfet ir-relazzjoni taghha li deher ghall-ewwel darba quddiem din il-Qorti, biex jixhed dwar il-kontumacja tieghu.

Din il-Qorti tosserva li jirrizulta car li l-konvenut wara disrispett u kontumelja u non kuranza meta riceva atti gudizzjarji konsenjati lilu personalment u, nonostante li kien jaf li jittrattaw il-proceduri ta’ separazzjoni maghumla minn martu kontra tieghu, huwa ghazel li jinjorahom, u di piu’ naqas li jattenti ghas-seduti quddiem din il-Qorti.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li r-raguni mressqa minnu ghan-nuqqas tieghu, mhijex konvincenti, u mhijex raguni valida sabiex att gudizzjarju jigi injorat kompletament b’ dak il-mod.

Ghaldaqstant tichad it-talba tieghu maghmula permezz tar-rikors prezentat fil-15 ta’ Frar 2006 ghal gustifikazzjoni tal-kontumacja.

Tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------